MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 7/2005

**Julian Schembri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Ottubru, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ta' l-1 ta' Mejju 2004, fejn l-appellant gie mgharraf li ma kienx intitolat ghall-Ghajnuna Socjali (SA) ghaliex il-valur kapitali tal-proprjeta` tal-membri kollha tal-familja tieghu hu aktar minn Lm10,000.

Ra l-ittra ta’ Dr. Stephan Zrinzo Azzopardi tat-28 ta’ Mejju, 2003 fejn spjega ghaliex jikkonsidra li l-mezzi ta’ l-appellant jintitolawh biex jircievi l-imsemmija ghajnuna.

Ra li fir-risposta tad-Dipartiment tal-21 ta’ Ottubru 2004, wara li ghamel referenza ghal diversi kontijiet bankarji infurmah li qed jitlob rifuzjoni ta’ Lm215.92 ghal ammonti li huma gew imhallsa indebitatament.

Ikkunsidra li d-dipartiment, fid-dawl tad-dokumenti u tas-sottomissjonijiet ta’ Dr. S. Zrinzo Azzopardi saru deduzzjonijiet li pero` ma jwasslux biex it-talba tista’ tintlaqa’.

Ikkunsidrat il-punt li l-prezz tal-bejgh ta’ immobbli ma kienx gie accettat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u gie mizjud b’ mod li l-assi ta’ l-appellanti jissuperaw l-Lm10,000 u kontra din id-decizjoni l-appellanti ma hax il-passi li kien intitolat li jiehu.

Ghal dawn il-motivi l-appellanti ma pprovax bizzejjed is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk l-appell qed jigi michud.”

Ir-rikorrenti Julian Schembri hassu aggravat bid-decizjoni ta’ l-Arbitru u minnha interpona appell lil din il-Qorti ghar-revoka taghha. Huwa jilmenta illi l-Arbitru, u d-Direttur qablu, ma messhomx strahu fuq il-prova li taghmel l-istima tal-perit tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Jikkontendi li l-fatt li l-fond mibjugh minnu gie stmat aktar mill-prezz realizzat ma kellux ifisser li huwa effettivament ippercepixxa ntrojtu akbar mill-istess prezz. Barra minn hekk isostni wkoll illi l-ispjegazzjonijiet minnu suppliti kellhom iwasslu ghall-konkluzjoni li hu kien baqa’ eligibbli ghall-pensjoni mhux kontributorja ghal liema kien applika. Dan ghaliex, dejjem skond l-appellanti, il-mezzi tieghu ma jeccedux il-limitu mil-ligi stabbilit;

Il-kwestjoni posta mill-appellanti hi essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur li jrid jinghata lir-rizultat emers mill-

istharrig kondott mid-Direttur dwar il-mezzi ta’ l-appellanti. S’ intendi, tali ezami jrid jigi apprezzat fil-qafas ta’ dak li tiddisponi l-ligi fir-rigward;

Hu dispost fl-Artikolu 66 (1) tal-Kapitolu 318 illi ghall-ghoti ta’ pensjoni taht dak il-Kapitolu l-persuna jrid ikollha l-eta` ta’ 60 sena, tkun cittadin ta’ Malta normalment residenti f’ Malta u jkun provat li l-mezzi taghha fil-gimgha ma jkunux izjed minn dawk prefissi fis-subinciz 2 (b) ta’ l-istess artikolu. Il-kalkoli ta’ dawn il-mezzi huma dawk stabbiliti fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda ta’ l-Att, jigifieri li jittiehed qies ta’ kull propjeta` (minbarra d-dar ta’ residenza) dhul jew privilegg. Hu imbaghad provvdut fil-kaz ta’ ragel mizzewweg illi fejn jinstab li l-valur globali tal-kapital jeccedi s-somma ta’ Lm10,000 dan ma jkunx hekk jikkwalifika ghall-pensjoni ta’ l-eta` (mhux kontributorja);

Bhala provi jirrizulta, *ex-facie* l-inkartament tal-kaz, illi mill-investigazzjonijiet maghmula mid-Direttur appellat, l-appellanti u martu flimkien kellhom f’ Marzu 2004 depoziti bankarji fl-ammont ta’ Lm12011.19. Irrizulta wkoll minn kuntratt tas-16 ta’ April 2004 atti Nutar Joseph Abela illi l-appellant kien iddispona minn proprjeta` immobiljari pervenut lilu b’ wirt versu s-somma ta’ Lm26,000. Importanti li jigi osservat illi fir-risposta tieghu ghall-appell introdott mill-appellanti quddiem l-Arbitru, id-Direttur gab b’ raguni ghas-sospensjoni tal-pensjoni l-fatt illi l-appellanti kellu diversi kontijiet bankarji li hu naqas li jiddivulga lid-Dipartiment dwarhom. Kif gja ntqal, komplessivament dawn id-depoziti kienu jeccedu l-limitu ta’ Lm10,000 stabbilit mil-ligi ghal kwalifika tal-pensjoni jew tal-prosegwiment tar-recezzjoni taghha;

Dan premess, jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata illi l-Arbitru accenna ghal kwestjoni ta’ l-istima li saret mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni riferibilment ghall-fond mibjugh. Stima din li ssuperat il-prezz indikat fil-kuntratt b’ Lm9000. Din il-Qorti tasal biex taccetta l-argoment ta’ l-appellanti illi din l-istima maghmula ghal finijiet ta’

tassazzjoni ma kellhiex ta' bilfors tfisser illi l-appellanti effettivament irrealizza mill-bejgh somma akbar mill-prezz muri fil-kuntratt. Izda mbaghad, anke kieku kellha tqieghed fil-genb dik iz-zieda fl-istima ghal skop ta' kalkolu, xorta wahda l-Qorti ma ssibx li t-tezi ta' l-appellanti li l-mezzi tieghu ma jeccedux il-limitu legali tinsab b' xi mod sorretta mill-provi l-ohra attendibbli. *Inter alia*, id-depoziti bankarji u certi deduzzjonijiet pretizi minnu; ad ezempju, dak tas-self ta' Lm5000 mill-Bank of Valletta li apparentement sar lil bintu Simone Schembri u mhux lilu. Ara kuntratt tas-27 ta' Novembru 1997 atti Nutar Dottor George Bonello Du Puis;

Kif taraha din il-Qorti d-decizjoni tad-Direttur appellat li jwaqqaf l-ghoti tal-pensjoni kienet il-konsegwenza tal-valutazzjoni tal-materjal probatorju kollu li kellu quddiemu. Valutazzjoni din li ma kienetx ibbazata fuq l-apprezzament ta' element singolu daqskemm fuq gudizzju organiku ta' dik l-indagini minnu kondotta. Ir-risposta tieghu, aktar 'il fuq accennata, taghti indikazzjoni pjuttost cara tar-raguni tal-konvinciment tieghu. Fil-hsieb tal-Qorti ma jidherx li dik l-istess motivazzjoni tiddifetta minn attitudni errata u kuncett zbaljat dwar dak li skond il-ligi d-Direttur kellu jasal ghalih. Anzi jidher li d-Direttur avvicina l-kwestjoni b' vizjoni korretta tal-ligi;

Inversament, il-Qorti ma ssibx mill-atti illi l-appellant irnexxielu jiskarika l-oneru impost fuqu li jiddemostra li l-valutazzjoni tad-Direttur kienet vizzjata. L-ebda prova konvincenti jew argoment valevoli li jqieghed fid-dubju l-gudizzju ta' l-appellat u l-apprezzament ta' dawk li kienu l-elementi fattwali li wassluh ghall-konvinciment tieghu. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx motiv serju li jgeghlha tiskarta d-decizjoni ta' l-appellat;

Ghad li mhux uzati f' kuntest identiku, biex jigu wzati l-kliem tas-sentenza fl-ismijiet "**Charles Bonaci -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 9 ta' April 2001, trattasi wkoll ta' kwestjoni ko-involgenti l-Artikolu 66 tal-

Kapitolu 318, “id-Direttur, fl-applikazzjoni tal-ligi, kellu responsabilita` kbira illi josserva *ad unguem* dawk ir-regoli li jassiguraw f’ liema cirkostanzi setghet tithallas jew ma tithallasx pensjoni lill-kontribwent. Sakemm id-Direttur japplika l-ligi b’ mod ekwu, ragonevoli u uniformi, fil-parametri fuqu mposti bil-ligi ma kienx lecitu li l-Arbitru u lanqas din il-Qorti tissindika l-grad ta’ prova li kienet mehtiega biex tissodisfa lid-Direttur li tali prova kienet lahqet il-grad rikjest mil-ligi.” F’ dan il-kaz, bhal f’ dak l-iehor li minnu ttiehdet din is-silta, din il-prova mill-appellanti ma saretx, jew ma saretx b’ mod konvincenti u konklussiv.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni appellata ta’ l-Arbitru u fis-sens ta’ dak kollu premess tikkonferma l-istess decizjoni, bl-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------